THIRD PARTY APPEAL

## FIT-TRIBUNAL TA' RIVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
27 JUL 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Ref:** Trevor Mamo Applikazzjoni Nru.: PA/06989/21
**Tip t'Applikazzjoni:** Full Development Permission
**Date Received:** 02/08/2021
**Dokumenti Approvati:** PA/6989/21/11e/12a/55a
PA/6989/21/46b
PA/6989/21/48a
**Sit:** Area sovrastanti fuq garaxx Nru. 17, Triq l-Arkata, Sqaq Athlone, Paola
**Proposta:** Kostruzzjoni ta' store ghall uzu domestiku

**Rikors tal-Appell ta' Martin James (K.I. 279976M)**

**Jesponi bir-rispett:**

1. Illi l-Awtorita tal-Ippjanar akkoljat it-talba ta' Trevor Mamo ghall-permess rikjest, u cioe sabiex jibni store sovrastanti l-garaxx tieghu kif fuq deskritt.

2. Illi, l-appellant kien irregistra ruhu bhala tertz interessat.

3. Illi, in effetti, l-esponent huwa l-propjetarju tal-kamra f' binja numru 169 (gia 163) Flat 02, Triq l-Arkata, Rahal Gdid

4. Illi, l-inkwelini / propjetarji ta' dan il-binja, ghandhom riservat a favur taghhom servitu fuq l-arja tal-garaxx Nru.17 Triq l-Arkata, u dan kif jirrizulta minn klawzola 6 tal-anness kuntratt iddatat 06 ta' Lulju 2017, redatt quddiem in-nutar Dr. Ayrton Buhagiar (anness bhala dokument 46b).

5. Illi, jekk din l-arja tigi kostruwieta ser iggib fix-xejn is-servitu esiztenti favur inter alia l-appellant.

6. Illi, in oltre, kif qed jigi spjegat, li l-unika access tal-appellant ghall kamra tieghu li tinstab sovrastanti garaxx ta' l-istess appellant cioe garaxx nru. 16, Sqaq Athlone, Rahal Gdid, huwa mit-tarag li jaghti ghall-fuq l-arja mertu ta' dan l-appell. Ghalhekk, jekk tinbena din l-arja l-unika access li l-appellant ghandu se jkun imbarrat u ma jkunx jista' jidhol fi hwejgu, hekk kif jirrizulta mill-anness dokument A. Kif jidher car f'dan id-dokument hemm immarkat bl-ahdar il-kamra tal-appellant, u immarkat bl-isfar hemm l-arja mertu ta' dan l-appell fejn ser tinbena l-kamra, li ser tappogja mal-binja tal-appellant u allorra, kif diga spjegat, ser tinghalaqlu l-access. Dan jirrizulta wkoll minn dokument 12b li ezebixxa l-istess Trevor Mamo, pero b'mod malezjuz ma mmarkax li hemm il-bieb tal-appellanti. Ghall kull buon fini, l-appellant qed jimmarka bl-ahdar, fuq l-istess document 12b, fejn jinstghab il-bieb tieghu.

Ghaldaqstant, l-appellant jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jghogbu:

Iharssar, jirrevoka u jikkancella l-permess mahruga mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Bl-ispejjeż.

**Dr. Jose A. Herrera LL.D**
51, St. Christopher Street, Valletta

**Dr. David Camilleri LL.D**
51, St. Christopher Street, Valletta

**Dr. Kristina Camilleri Deguara LL.D**
51, St. Christopher Street, Valletta

**Appellant:** Martin James, Flat 02, Triq l-Arkata, Rahal Gdid.